

Brussell, 15 ta' Settembru 2017
(OR. en)

12054/17

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0368 (COD)

CODEC 1367
TRANS 358
MAR 152
PE 60

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jħassar r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1101/89, ir-Regolamenti (KE) Nru 2888/2000 u (KE) Nru 685/2001 – Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, 11 sal-14 ta' Settembru 2017)

I. INTRODUZZJONI

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 TFUE u d-dikjarazzjoni konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni¹, saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-għan li jintlaħaq qbil dwar dan id-dossier fl-ewwel qari, biex b'hekk tiġi evitata l-ħtieġa għat-tieni qari u l-konċiljazzjoni.

F'dan il-kuntest, ir-rapporteur, KARIMA DELLI (Ħodor/AHE, FR) ippreżentat emenda ta' kompromess waħda (l-emenda 3) għall-proposta għal Regolament, f'isem il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu. Din l-emenda kien intlaħaq qbil dwarha matul il-kuntatti informali msemmin hawn fuq.

¹ ĠU C 145, 30.6.2007, p. 5

II. VOT

Meta vvutat fit-12 ta' Settembru 2017, il-plenarja adottat din l-emenda ta' kompromess għall-proposta għal Regolament. Il-proposta tal-Kummissjoni kif hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari li tinsab fir-riżoluzzjoni leġislattiva tiegħu kif tinsab fl-Anness għal dan².

Il-pożizzjoni tal-Parlament tirrifletti dak li preċedentement kien intlaħaq qbil dwaru bejn l-istituzzjonijiet. Il-Kunsill għandu għalhekk ikun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament.

L-att imbagħad jiġi adottat fil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

² Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-riżoluzzjoni leġislattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet fit-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati b'*tipa grassa u bil-korsiv*. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

Tħassir ta' regolamenti obsoleti rigward is-setturi tal-passaġġi fuq l-ilma interni u t-trasport tal-merkanzija bit-triq *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2017 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jħassar r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1101/89, u r-Regolamenti (KE) Nru 2888/2000 u (KE) Nru 685/2001 (COM(2016)0745 – C8-0501/2016 – 2016/0368(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2016)0745),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 91 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0501/2016),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tad-29 ta' Marzu 2017³,
 - wara li kkonsulta lill-Kumitat tar-Regġuni,
 - wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-5 ta' Lulju 2017, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A8-0228/2017),
1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ksieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

³ ĠU C 209, 30.6.2017, p. 58.

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari tat-12 ta' Settembru 2017 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-regolament (UE) 2017/...li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 2888/2000 u (KE) Nru 685/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1101/89

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁴,

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Regġuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja⁵,

⁴ ĠU C 209, 30.6.2017, p. 58.

⁵ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2017.

Billi:

- (1) Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni kkonfermaw l-impenn konġunt tagħhom biex jaġġornaw u jissimplifikaw il-leġislazzjoni fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet⁶.
- (2) Sabiex jindaf u jitnaqqas il-volum tal-*acquis*, huwa meħtieġ li dan jiġi analizzat regolarment sabiex tiġi identifikata l-leġislazzjoni obsoleta. It-tħassir tal-leġislazzjoni obsoleta huwa utli sabiex il-qafas leġislattiv jinżamm trasparenti, ċar u faċli biex jintuża mill-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati rilevanti, f'dan il-każ is-setturi tal-passaġġi fuq l-ilma interni u dak tat-trasport tal-merkanzija bit-triq.

⁶ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

- (3) Fl-1989, il-Kunsill adotta r-Regolament (KEE) Nru 1101/89⁷. Għaxar snin wara, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 718/1999⁸ sabiex jiġi żgurat li l-għodod adatti jibqgħu jkunu għad-dispożizzjoni tas-settur tat-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni u għall-ġestjoni tal-kapaċità tal-flotta. Ir-Regolament (KE) Nru 718/1999 ikopri l-istess suġġett bħal dak tar-Regolament (KEE) Nru 1101/89, mingħajr ma jħassru.
- (4) F'konformità mal-Artikolu 8(6) tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-Trasport ta' Merkanzija u Passiġġieri permezz tal-Linji tal-Ferroviji u tat-Triq⁹, il-vetturi kollha li jissodisfaw l-istandards tekniċi stipulati fid-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE¹⁰ ġew eżentati minn kwalunkwe kwota jew arranġament ta' awtorizzazzjoni mill-1 ta' Jannar 2005. Ir-Regolament (KE) Nru 2888/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹, dwar it-tqassim ta' permessi għal vetturi li jgħorru tagħbijiet tqal u li jivvjaġġaw fl-Isvizzera, jenħtieġ għalhekk li jitqies bħala obsolet.

⁷ Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1101/89 tas-27 ta' April 1989 dwar titjib strutturali fit-trasport bil-passaġġi tal-ilma interni (Traduzzjoni mhux disponibbli bil-Malti) (ĠU L 116, 28.4.1989, p. 25).

⁸ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 718/1999 tad-29 ta' Marzu 1999 dwar il-politika ta' kapaċità tal-flotta tal-Komunità biex tippromwovi t-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni (ĠU L 90, 2.4.1999, p. 1).

⁹ ĠU L 114, 30.4.2002, p. 91.

¹⁰ Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE tal-25 ta' Lulju 1996 li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi ħdan il-Komunità d-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali (ĠU L 235, 17.9.1996, p. 59).

¹¹ Regolament (KE) Nru 2888/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar it-tqassim ta' permessi għal vetturi li jgħorru tagħbijiet tqal u li jivvjaġġaw fl-Isvizzera (ĠU L 336, 30.12.2000, p. 9).

- (5) Wara l-adeżżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija mal-Unjoni fl-1 ta' Jannar 2007, ir-Regolament (KE) Nru 685/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹² ma għadux meħtieġ għaliex dawn l-Istati Membri mhumix aktar meħtieġa li jiksbu l-awtorizzazzjoni għat-trasport ta' merkanzija bit-triq u għall-promozzjoni tat-trasport ikkombinat.
- (6) B'konsegwenza ta' dan, jenħtieġ li r-Regolamenti (KEE) Nru 1101/89, (KE) Nru 2888/2000 u (KE) Nru 685/2001 jitħassru,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

¹² Regolament (KE) Nru 685/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' April 2001 li jirrigwarda t-tqassim tal-awtorizzazzjonijiet fost l-Istati Membri rċevuti permezz tal-Ftehimiet li jistabbilixxu ċerti kondizzjonijiet għat-trasport tal-merkanzija bit-triq u l-promozzjoni tat-trasport magħqud bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Bulgarija u bejn il-Komunità Ewropea u r-Rumanija (ĠU L 108, 18.4.2001, p. 1).

Artikolu 1

Ir-Regolamenti (KEE) Nru 1101/89, (KE) Nru 2888/2000 u (KE) Nru 685/2001 huma b'dan imħassra.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi...,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President
